MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Numru. 257/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian Joseph Abdilla]**

**vs**

**Edward Anthony Schembri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Edward Anthony Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 176381(M).

Akkuzat talli f'Mejju 2004, u fix-xhur ta' qabel, fl-Imsida u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer.
1. wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-

persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;

(Dan bi ksur tal-Artikolu 121(A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)
2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn att/i, kitba, jew skrittura/i foloz;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

3. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

4. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.
(Dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

5. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sew xjentament jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarita` sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taht l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta.
(Dan bi ksur tal-Artikolu 76 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta.)

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll li l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (*nautical license*) ghal dak iz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Edward Anthony Schembri qieghed jigi addebitat lilu illi xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza sabiex jottjeni dokument li hija l-licenzja nawtika u li xjentement ghamel uzu minn tali licenzja nawtika li kienet moghtija lilu illegalment.

Illi din il-kawza hija wahda minn sensiela ta’ kawzi illi l-Pulizija investigaw u li ressqu l-Qorti dwar tixhim fl-otteniment ta’ licenzji nawtici. L-imputat kien wiehed minn dawk in-nies, wara li rrizulta lill-pulizija illi huwa kien fil-pussess ta’ licenzja nawtika li dwarha ma kienx hemm id-dokumentazzjoni kif suppost.

Illi l-prosekuzzjoni f’dan il-kaz esebiet numru ta’ dokumenti li huma *‘file record sheet’* tal-licenzja nawtika tal-imputat bin-numru 3319 a fol 14 tal-process, ic-certifikat li l-imputat ghadda mill-ezami tal-MCAST a fol 15, u l-applikazzjoni ghal tali licenzja a fol 17 tal-process.

Illi ta’ min jghid illi l-imputat dejjem innega tali involvement tieghu ghall-otteniment tal-licenzja nawtika sa mill-bidu fl-istqarrija u anke fix-xhieda tieghu fil-proceduri odjerni fejn stqarr li huwa qatt ma applika ghal tali licenzja u qatt ma kellu interess li japplika.

Illi l-Qorti kellha l-okkazjoni tezamina ir-rapport tal-espert tal-Qorti Dr. Martin Bajada a fol 45 *et seq* tal-process fejn huwa kien gie imqabbad sabiex jaghmel komparazzjoni tal-firma tal-imputat mal-firem tal-istess imputat fid-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni. Illi l-konkluzjoni tieghu kienet is-segwenti:

***"i. Il-firem li hemm fuq id-dokumenti; MCAST (Maritime Institute) Record bin-numru 000540 u Application for a Nautical License datata 07.05.04 ma sarux minn Edward Anthony Schembri.***

***ii. Il-firma li hemm fuq id-dokument; File Record Sheet bin-numru 00319 hija l-firma ta' Edward Anthony Schembri."***

Illi ghaldaqstant jidher *prima facie* gialadarba l-firem tal-imputat fuq l-applikazzjoni u c-certifikat tal-kors fl-MCAST m'humiex tal-imputat, din tkompli tikkorrabora t-tezi tal-imputat illi huwa qatt ma applika ghal hrug ta' din il-licenzja. Dan ovvjament qed jinghad gialadarba m'hemmx provi ohra li jikkorraboraw it-tezi tal-prosekuzzjoni.

Minn naha l-ohra, il-fatt illi l-firma tal-imputat hija difatti tieghu fuq id-dokument tal-*File Record Sheet* li huwa d-dokument li juri li effettivament inharget licenzja nawtika lill-imputat, dan juri illi ghalkemm l-imputat m'hemmx provi kontrih illi huwa applika, pero` dan id-dokument juri bil-firma awtentika tieghu illi huwa effettivament ghamel uzu minn dak id-dokument illi ovvjament kien jaf li ottjenih b'mod irregolari u dan ghaliex huwa minn dejjem qal anke bil-gurament illi huwa qatt ma ried jottjeni din il-licenzja.

Illi bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tistax tikkondividi mas-sottomissjoni tad-difiza li ma kienx hemm konoxxjenza ta' dan il-fatt u dan ghaliex f'dan il-kaz gie ppruvat anke permezz tal-espert Martin Bajada illi l-firma tal-imputat fuq dan id-dokument tal-ahhar kienet tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 121A(1), 184, 185, 186, 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 76

tal-Kap 352 *(Art 42 (2) (b) tal-Kap 499)*, qed issib lill-imputat hati biss tat-tielet (3) u tal-hames (5) akkuza kif dedotti kontrih filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1), it-tieni (2), u r-raba’ (4) akkuza stante illi ma gewx ippruvati u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundannah ghal disa’ (9) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax (18) il-xahar.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------